MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2014

Numru. 48/2014

**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Sammy Pace**

**u**

***Omissis***

Numru 48/2014

Illum 7 ta' Mejju 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Sammy Pace**, ta' tlieta u tletin (33) sena, iben Anthony u Carmen neé Grima, imwieled ir-Rabat, Ghawdex, fis-17 ta' Awwissu 1979 u residenti go 65, Triq il-Gnien, Ghanjsielem, Ghawdex, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 18879(G)

u

*Omissis*

akkuzati talli fil-lejl ta' bejn nhar it-22 ta' Dicembru 2012 u nhar it-23 ta' Dicembru 2012, waqt li kienu qeghdin fil-Pjazza Madonna ta' Loreto, Ghajnsielem Ghawdex u/jew fil-vicinanzi:

1. volontarjament hassru jew gharrqu hwejjeg haddiehor ghad-dannu tal-Kunsill Lokali ta' Ghajnsielem, liema hsara teccedi aktar minn elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (Euro 1,164.69c);

2. irrendew ruhom recidivi b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew mhassra.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "BCS 1").

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li ma kienetx qed tinsisti ghat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lil Amanda Abela, rapprezentanta tal-Kunsill Lokali ta' Ghajnsielem, tixhed li l-imputat Sammy Pace ghamel hlas lill-Kunsill Lokali rapprezentat minnha, fir-rigward tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu, liema hlas ikopri kwalunkwe ammont dovut minnu lill-Kunsill Lokali msemmi.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, il-fedina penali tieghu, u, kif ukoll, dak li xehdet Amanda Abela fis-seduta tallum.

Ghaldaqstant il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, wara li rat Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Sammy Pace hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat Sammy Pace bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------